18 ta' Mejju, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija *versus* Carmelo Galea**

## Appell — Nullità — "Shopping Bags" — "Plastic Shopping Bags"

*L-Attorney General jista' jappella minn sentenza tal-Maġistrat, fost każijiet oħra, meta l-Maġistrat ikun illibera għaliex ikun irritjena li "fil-fatt" ma jikkonkorrux ir-rekwiżiti tar-reat; u f'dawn l-aħħar żmienijiet ġiet mogħtija lil din id-dispożizzjoni tal-liġi interpretazzjoni fissens li, avvolja l-Maġistrat ikun daħal "fil-provi", hemm lok għall-appell jekk il-Maġistrat ikun għamel enunċjazzjoni żbaljata jew inkompleta tal-liġi. Jekk il-Maġistrat ikun għamel sempliċement apprezzament tal-provi, żgur ma jistax jingħad li hu llibera fuq il-fatt kif sempliċement "dedott", għaliex il-verità tkun li hu llibera in bażi għall-fatt "pruvat".*

*Għaldaqstant, f'każ fejn l-imputat jiġi akkużat li mporta minn post barra minn dawn il-Gżejjer basktijiet tal-"plastic" għall-oġġetti tax-xiri ("plastic shopping bags") mingħajr liċenza minn għand il-Ministru, ma jistax jingħad li fis-sentenza tal-Maġistrat hemm xi enunċjazzjoni tal-liġi b'mod li jkun pont ta' dritt, jekk il-Maġistrat ikun wasal għall-konklużjoni tiegħu dwar il-vera natura tal-oġġetti mportati in bażi għall-ispezzjoni okulari tal-oġġetti, in bażi għall-osservazzjoni materjali tal-konsistenza u forma tal-istess oġġetti, u in bażi għal konsiderazzjonijiet purament ta' fatt dwar f'hix ordinarjament jikkonsistu dawk li jissejħu "bags" — ħaġa li l-Maġistrat ma setgħax ma jagħmelx peress li fil-liġi ma hemm ebda definizzjoni tal-kelma "shopping-bag", u allura tabilfors il-kwistjoni kellha tkun definita mhux in bażi għal xi interpretazzjoni tal-kliem tad-definizzjoni, jew in bażi għal xi affermazzjoni ta' prinċipju ta' liġi, imma biss in bażi għal riflessjonijiet viżwali u ta' fatt.*

*Lanqas jirrendi appellabbli dik is-sentenza l-fatt li fiha jiġu premessi xi konsiderazzjonijiet dwar il-liġi in materja, jekk dawn il-konsiderazzjonijiet ma jirrakkjudu ebda enunċjazzjoni interpretativa ta' xi punt oskur jew dibattut, imma sempliċement dikjarazzjoni tal-istat tal-liġi; u s-sempliċi applikazzjoni tal-liġi għall-fatt ma tammontax għal punt ta' dritt, għax diversament kull sentenza tkun appellabbli, għax f'kull sentenza bilfors issir applikazzjoni tal-liġi. U din l-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni tal-liġi ma għandhiex tiġi żnaturata b'mod illi, malli f'sentenza tissemma l-liġi, allura jitqies li hemm lok għal appell fuq punt ta' dritt, imma għandha tiġi korrettament miżmuma fil-limiti ġusti tagħha, ċjoè fejn, in riferenza għar-reat addebitat, il-Maġistrat ikun applika għall-fatt dik il-liġi minnu skorrettament jew inkompletament enunċjata.*

*F'kontinġenzi simili, l-appell tal-Attorney General hu irritu u null.*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni miġjuba quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli fix-xhur ta' Novembru u Diċembru 1956 l-imputat importa minn post barra dawn il-Gżejjer basktijiet tal-"plastic" għall-oġġetti tax-xiri ("plastic shopping bags"), li l-valur tagħhom huwa anqas minn £20, mingħajr liċenza minn għand il-Ministru; u fix-xhur ta' Jannar u Frar 1957 importa minn post barra dawn il-Gżejjer basktijiet tal-"plastic" għall-oġġetti tax-xiri ("plastic shopping bags"), li l-valur tagħhom huwa fuq £20 iżda mhux fuq £500, mingħajr liċenza;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-25 ta' April 1957, li biha ddeċediet illi għall-oġġetti importati mill-imputat, li mhumiex "shopping bags", ma kienx hemm bżonn ta' liċenza partikulari mill-Ministru, u f'dan is-sens sabet lill-imputat mhux ħati tar-reat lilu addebitat, u lliberatu;

Rat ir-rikors tal-Attorney General, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, billi talab ir-revoka tagħha, u li jiġi deċiż, minflok, li l-appellat hu ħati skond l-imputazzjonijiet lilu magħmula;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-Attorney General qiegħed jappella in bażi għad-dispożizzjoni li tippermetti l-appell lil dak l-uffiċjal, fost każijiet oħra, anki meta l-Ewwel Qorti tkun illiberat għaliex tkun irriteniet li "fil-fatt' ma jikkonkorrux ir-rekwiżiti tarreat, u partikularment in bażi għall-interpretazzjoni mogħtija f'dawn l-aħħar żmienijiet fis-sens li, avvolja l-Maġistrat ikun daħal "fil-provi", hemm lok għall-appell jekk hu jkun għamel *enunċjazzjoni żbaljata jew inkompleta tal-ipotesi tal-liġi*;

Issa, fil-każ preżenti, hu ċert li l-Maġistrat għamel apprezzament tal-provi, u kwindi żgur ma jistgħax jingħad li llibera fuq il-fatt kif sempliċement "dedott", mentri l-verità hi li llibera in bażi għall-fatt "pruvat";

Lanqas jista' jingħad li hemm fis-sentenza appellata xi *enunċjazzjoni tal-liġi b'mod li hemm pont ta' dritt. Infatti*, jekk wieħed jara sewwa s-sentenza appellata, għandu jsib li l-Maġistrat wasal għall-konklużjoni tiegħu dwar il-vera natura tal-oġġett importat in bażi għall-ispezzjoni okulari tal-oġġett, in bażi għall-osservazzjoni materjali tal-konsistenza u forma tal-istess oġġett, u in bażi għall-konsiderazzjonijiet purament ta' fatt dwar f'xiex ordinarjament jikkonsistu dawk li jissejħu "nets" u dawk li jissejħu "bags". U, del resto, il-Maġistrat ma setgħax jagħmel ħaġ'oħra ħlief hekk; *għaliex, peress li ma hemmx* ebda definizzjoni fil-liġi tal-kelma "shopping bag", tabilfors il-kwistjoni kellha tiġi deċifrata, mhux in bażi għal xi interpretazzjoni tal-kliem tad-definizzjoni, jew in bażi għal xi affermazzjoni ta' prinċipju ta' liġi, imma biss in bażi għal riflessjonijiet viżwali u ta' fatt;

Hu veru li fil-bidu tas-sentenza hemm premessi żewġ konsiderazzjonijiet dwar il-liġi in materja; imma dawn ma

jirrakkjudu ebda enunċjazzjoni interpretativa ta' xi pont oskur jew dibattut, imma huma sempliċement dikjarazzjoni tal-istat tal-liġi. U ġie kemm il-darba deċiż, u bir-raġun, li s-sempliċi applikazzjoni tal-liġi għall-fatt ma tammontax għal pont ta' dritt; diversament, kull sentenza tkun appellabbli, għax f'kull sentenza bilfors issir applikazzjoni tal-liġi (Kollez. Vol. XXXV-I-160);

Kwantu għall-aħħar konsiderando tas-sentenza, dan hu argument "in subsidium" li, kif jidher ċar mis-sentenza, anki mingħajru l-Maġistrat kien l-istess jiddeċidi fis-sens li ddeċieda; u del resto, żgur li dak il-konsiderando ma jirrakkjudi ebda enunċjazzjoni ta' dik l-ipotesi tal-liġi li għandha tiġi applikata għall-fatt in ispeċje;

Il-Qorti żżid li l-interpretazzjoni, mogħtija minn din il-Qorti l-ewwel darba fil-kawża "Pulizija vs. Borg", fit-12 ta' Jannar 1929, Kollez. Vol. XXVII-IV-680, sedenti allura l-Imħallef Dr. il-lum Sir Philip Pullicino, loġika u aċċettabbli, ma għandhiex tiġi żnaturata b'mod li, malli f'sentenza tissemma l-liġi, allura jitqies li hemm lok għall-appell fuq pont ta' dritt, imma għandha tiġi korrettament miżmuma fil-limiti ġusti tagħha, ċjoè fejn, in riferenza għar-reat addebitat, il-Maġistrat ikun espona ħażin jew b'mod inkomplet il-liġi li tirrigwarda dak ir-reat, u jkun applika għall-fatti dik il-liġi minnu skorrettament jew inkompletament enunċjata — ħaġa li ma tirrikorrix affattu f'dan il-każ;

Għalhekk tiddikjara l-appell tal-Attorney General irritu u null, u bħala tali tirrespinġieh.